# Bukkett ta' Mitt Warda l'Santa Marija

Mużika: Mro. David Agius • Lirika: Chev. Carmel Bianchi

## Krib mix-Xelters

Kif il-krib jibda ġej mis-sirena
Din tħabbrilna li l-għadu fil-qrib
Lest mill-ajru biex jaħbat għalina
Jagħmel ħerba bil-bombi t-twaddib.

Il-Maltin dlonk iħallu lil djarhom
U fix-xelters tarahom hemm neżlin
Biex jistkennu mill-qilla tal-għadu
Nies bla skrupli xejn kważi mxajtnin.

Jibda jiżra wisq bombi qawwija
Tarahom nieżla fuq djar il-Maltin
Għalkemm sodi dawn kienu mibnija
Bil-blast qawwi bdew jiġu mfarrġin.

Ma' kull ħbit u l-attakki mill-għadu
Fis taħkimhom il-biża', tferfir
Għax il-bombi b'qawwiethom iriegħdu
Bdew iġarrfu lill-bini bil-kbir.

Il-Maltin bil-kuruni f'idejhom
Qatt ma jieqfu jitolbu 'l dik l-Omm
Biex hi tibqa' mis-sema tħarishom
U fi ħdana kull ħin tibqa' żżomm.

U Marija fis tisma' kull karba
Li mix-xelters qed tidwi hemm fuq
Żgur li tagħder u tifhem kull talba
Hierġa b'ħerqa minn fomm dawk il-ħluq.

Int kull karba bdejt tisma' Marija
Hierġa mqanqla mix-xelters Maltin
Għax int l-Omm kollok ħniena, tjubija
Dħalt għalihom fil-hemm l-imsejknin.

Ma flaħtx tara lit-tfal imbikkija
Ma' djul ommhom dawn kienu mwerwrin
Waqt il-ħoss b'dawk il-bombi qawwija
Bl-isplużżjoni bdew jiġu mreghdin.

Lanqas flaħt tara dik it-tbatija
Ta' familji minn djarhom ħerġin
U qed jgħixu f'dak l-għaks u l-miżerja
F'dawk ix-xelters, xejn komdi mdallmin.

Żgur kull xelter inbidel f'kappella
Il-Maltin hemm ingħaqdu fit-talb
Sew herqana jitolbu lil Alla
U lil Marija jsejħu mill-qalb.

Int wennisthom fit-triqthom Marija
Għenthom jerfgħu s-salib għalkemm tqil
Sewwa twitti kull triq, kull mogħdija
Sabiex jimxu fid-dawl bla tfixkil.

Kemm-il talba għamlulek Marija
Sabiex tbegħdhom fis int minn kull hemm
Twarrab minnhom kemm ġrieħi kemm dmija
Anke l-gwerra biex dlonk din tintemm.

Kemm Maltin ġew mifnija b'duluri
Ommijiet raw 'l uliedhom mejtin
Djar imġarrfa, tkissir t'aperturi
Nies bla ħajja, bla għadd mirdumin.

Ħafna drabi sellmulek Marija
Bir-Rużarju, talb iehor sabiħ
Għax fik jemmnu Omm kollok tjubija
Imħabbithom lejn kbira qatigħ.

Ir-Rużarju hu ward lil Marija
Li minn qalbna dan lilha noffruh
Għax għalina hi tarka żonqrija
Li kull għadu żgur biha nirbħuh.



PDF Created with deskPDF PDF Writer - Trial :: http://www.docudesk.com

Kemm titpaxxa bit-talb tar-Rużarju
Ta' kull jum hi tixtieqna ngħiduh
Kull min jgħidu ttih grazzji speċjali
Anke l-qawwa biex l-għadu negħlbuh.

Ġo kull dar u f'kull knisja Maltija
Hemm se ssib dik xbiheтek fiż-żgur
Għax għalina l-Omm t'Alla, Marija
Lilha ntuha fohrija w unur.

U dan tafu l-Omm tagħna Marija
Li l-Maltin ħafna biha ħenjin
Hi li tfarraġ f'kull hemm u tbatija
L-egħżeż Omm illi biha kburin.

U kif l-għadu jitbiegħed minn artna
Dlonk tarahom dawn mix-xelters ħerġin
Jerġgħu lura bil-ħerqa, għajjiena
Kollha mbeżżgħa bla saħħa, mexjin.

Imnikktin jerġgħu lura lejn djarhom
Hekk mifxula wkoll jidhru mħassbin
Għax il-ħsieb jibqa' jberren ġo moħħhom
Li bla waqt jerġgħu jiġu mħabbtin.

## L-Attakk fuq l-E-Boats

Sew fil-ħemda tal-lejl qabel sebaħ
Kienu ntlemħu dawk l-'E-Boats' ġejjin
Biex jeqirdu l-vapuri ta' fejda
B'hekk iħallu l-Maltin imċaħħdin.

Iżda r-radar ta' Malta segwiehom
U kif kienu Sant'Iermu resqin
Mill-fortizza sparaw dlonk għal fuqhom
U għerrquhom l-eroj qalbenin.

Sbatax-il waħda ġew b'qilla hekk kbira
Hfief ilebbtu ġo l-ibħra Maltin
B'dik ir-rieda ta' qilla krudila
Li jeqirdu l-vapuri fil-ħin.

Mill-fortizza ta' Malta qawwija
Le ħallew lil dawn l-'E-Boats' ħajjin
Għax fetħulhom dawk l-oqbra mdemmija
U tefgħuhom ilkoll mal-mejtin.

## Il-Konvoj ta' Santa Marija

F'din il-gwerra xterdet mhux ftit dmija
Kif ukoll ħalliet numru ta' mwiet
Il-Maltin sofrew ħafna tbatija
Fil-għaks għexu, fil-biża' w inkwiet.

Għadd ta' djar sfaw imġarrfa bil-bombi
Illi twaddbu mill-għadu qalil
Li kien jiġi fuq artna bla ħabi
Sabiex jeqred għax kien wisq krudil.

Fuq kull blata jew ġebla Maltija
Żgur hemm ismek imnaqqax, miktub
Għax kburin b'din l-Omm tagħna Marija
Sew isimha fuq fommna miġjub.

Għandek niġu l-Maltin bil-hemm tagħna
F'kull problema ta' mard jew fil-ġuħ
Bil-fiduċja għax int tisma' talbna
Bik fejqan żgur li jara l-miġruħ.

L-ebda dubju kemm int tassew tħobbna
Għax rajnieh b'fejda f'tagħna l-ġrajjiet
Bl-aqwa tarka żgur lilna tħarisna
Dejjem ħlistna mill-għajb bir-rebħiet.



PDF Created with deskPDF PDF Writer - Trial :: http://www.docudesk.com

Naqqaxniek fil-qlub taghna Marija
Anke statwi mdaqqsin mat-triqat
Sbieħ ġo niċeċ ma' djarna mibnija
L-għaxqa nsibu b'dawk tieghek Xbihat.

Għandek niġu nitolbu bil-hniena
Għax int Omm li taf tagħder u thenn
Dejjem tisma' kull karba minn fommna
U fi ħdanek iżżommna ghall-kenn.

Il-vapuri b'provvisti maħżuna
Xtaqu jidħlu fil-port tal-Maltin
Għax tassew kien meħtieġ u t'għajnuna
Jistennew kienu lkoll ħerqanin.

L-ajruplani tal-ghadu bla skrupli
Waddbu bombi bla għadd, qawwijin
Ħa jeqirdu l-vapuri bil-ħażna
Biex le jtaffi mill-ġuħ l-imsejknin.

L-ghadu jaf kemm il-ġuħ kien isaltan
U qed jifni bil-goff lill-Maltin
Ma jiflaħx joqghod aktar jistenna
Ghax għall-ikel ilkoll imġewhin.

Irnexxielu dal-konvoj bil-qajla
Fl-aħħar wasal biex jitma' l-Maltin
Kienet grazzja hekk kbira minn Alla
Għalhekk lejh aħna lkoll midjunin.

Dmugħ ta' ferħ ma waqafx milli jċarċar
Mal-ħaddejn ta' dawk ħutna msejknin
B'dak il-konvoj bil-qajla jitkaxkar
Wasal b'ħażna, ta' proviżjon bnin.

Il-Maltin fuq is-swar dlonk inġabru
Dawk infexxu f'ċapċip u tixjir
Kemm oħrajn mat-triqat bdew iduru
Hassew qalbhom bil-ferħ trid ittir.

Dik il-folla bdiet tgħajjat ferħana
"Waslu l-vapuri… arahom deħlin"
Kulhadd kien lilhom qiegħed jistenna
Li swew ghalihom, daqs id-deheb fin.

Dik il-ġrajja żgur li tibqa' mfaħħra
Mill-Maltin kif ukoll mill-Għawdxin
Għax bla dubju għażiża t-tifkira
U hekk nibqgħu ngħożżuha mas-snin.

Kif kien xieraq dal-konvoj jissemma
Għal Santa Marija, bir-raġun
Hi wasslitu b'qawwietha mis-sema
Biex ta' fejda kbira, għall-poplu jkun.

Ġiet tittajjar fuq dan il-port tagħna
Sabiex twassal hawn fostna l-Maltin
Dak il-konvoj ta' ħtieġa kotrana
Għax mill-ikel sew konna neqsin.

Riedet turi kemm hi tassew Ommna
Ma riditx li thallina bil-ġuħ
Anke l-għadu żammet li jaħkimna
Ma felħitx tara l-poplu mirbuħ.

Tassew tħobbna din Ommna Marija
B'għożża f'qalbha dal-poplu miżmum
U f'kull hemm twarrab minnu tbatija
Ma tridx tara dan-nisel mitmum.

Kif qatt jista' dan il-poplu jwarrbek
Meta fik sab il-kenn, l-aqwa sur
Fuq quddiem u f'kull ħtieġa se jsibek
Bik in-niket jitbiegħed u jmur.

Imħabbitna lejn Santa Marija
Hija kbira tassew bir-raġun
Għax hi l-Omm wisq setgħana, qawwija
Żgur għalina f'kull bżonn tarka tkun.



PDF Created with deskPDF PDF Writer - Trial :: http://www.docudesk.com

Kemm għaqlin kienu missirijietna
U tassew jixirqilhom tifħir
Għaliex lilek għażluk il-patruna
Bik dawn għamlu tassew akkwist kbir.

X'ma naħtrukx ta' dal-gżejjer patruna
Meta lilek f'kull ħtieġa nsibuk
Int għalina s-Sultana setgħana
Aħna lilek minn qalbna nħobbuk.

L-akbar għadd ta' parroċċi f'dal-gżejjer
Għażluk, sabiex tkun il-Patruna
Għaliex għarfu x'kapaċi taf tfisser
Bik Omm Alla jiksbu l-għajnuna.

F'nhar il-festa ta' Santa Marija
Dawn il-knejjes bin-nies mimlijin
L-uċuħ kollha tarahom ferriħija
Qrib xbihetek issibhom, qegħdin.

Insellmulek tal-gżejjer patruna
Bierek ibqa' l-Maltin u l-Għawdxin
U għal dejjem fi ħdanek ħaddanna
Bik żgur ngħixu fil-paċi, ħenjin.

## Santa Marija Inkurunata

Għalfejn tharsu lejn qabar Marija
Dak ġisimha ġew l-anġli haduh
Hija ħajja fil-ġenna bid-dija
Ħdejn tron Binha f'post lilha merfugħ.

Għax il-qabar ma kienx il-post tagħha
Hi meħlusa mid-dnub tat-taħsir
Min ħalaqha, bla tebgħa Hu riedha
Għax setgħani, kif jgħid, hekk isir.

Malli waslu b'ġisimha fil-ġenna
Kollu dija, bajdani sabiħ
Sew meħlusa mit-taħsir, jarmi l-fwieħa
Thares lejh u titpaxxa żgur bih.

Hekk kien jixraq l-Omm t'Alla Marija
Tkun fil-ġenna, bil-ġisem, bir-ruħ
Għalhekk niżlu qtajjiet kbar mill-anġli
Biex 'il fuq dak il-ġisem jeħduh.

O x'tgħanniqa hekk kbira ta' mħabba
Irċevejt mingħand Ibnek Ġesù
Tak il-merħba li kienet tisħoqqlok
Hu li żejnek b'kull grazzja w virtù.

Ha jitgħaxxqu b'Marija fil-ġenna
Ilkoll l-anġli jkantaw ferħanin
Merħba kbira dawn tawha ħerqana
Ingħaqdu magħhom il-qaddisin.

Dlonk ingħaqdu kemm l-anġli w l-arkanġli
Kerubini bi ġmiel t'innijiet
Dawk il-kori tal-ilħna li jsaħħru
Bil-kant tagħhom hemm fuq, fis-smewwiet.

Il-kuruna li qiegħda fuq rasek
B'ġieħ lejk, mill-Qaddisa Trinità
Int mill-ġenna se tibqa' reġina
Tas-sema w l-art. għall-eternità.

Kemm tixraqlek Marija l-kuruna
Int Sultana ta' lkoll tagħna l-qlub
L-għaxqa tiegħek li nkunu sew qribek
U li nqimu lil Ibnek maħbub.

X'inhu d-deheb jew dawk l-ifjen djamanti
X'inhi l-fidda jew dak l-isbaħ qroll
Dawk il-perli li jgħożżu r-renjanti
Int Marija, tisboqhom ilkoll.



PDF Created with deskPDF PDF Writer - Trial :: http://www.docudesk.com

Int b'kull grazzja mimlija Marija
Int ix-xempju tas-safa fir-ruħ
Inti l-Omm li f'ħdanek kennija
Kull ostaklu bik aħna negħlbuħ.

Int Marija, int duwa tal-ġisem
Int l-ingwent dak li jfejjaq ir-ruħ
Int il-manna li titma kull bniedem
Int il-mara li tgħeleb il-ġuħ.

Int il-port, fih jankraw l-erwieħ twajba
Hemm isaltan il-paċi w s-sliem
Post 'il bogħod mill-uġigħ u tbatija
Lok fejn biss, issib l-hena bla tmiem.

Int Marija tal-grazzji sultana
Li tħobb tqassam bil-ferħ lill-bnedmin
Għax dik qalbek sew twajba għalina
Tixtieq dejjem tarana henjin.

Għandek jiġu jitkarbu l-imsejkna
Biex dlonk jiksbu mingħandek fejqan
Għax fik jemmnu kemm inti setgħana
U taf tibdel l-uġigħ fis-serħan.

X'konna nagħmlu mingħajrek Marija
Kull għawġ tagħna dlonk lilek ngħiduħ
Nifthu beraħ il-pjagi ta' qalbna
Iddewwina b'ingwent wisq ifuħ.

Minn dal-maqdes sabiħ hawn fl-Imqabba
Int qawwejt u ferraħt ħafna qlub
Kemm farraġt nies imnikkta, Marija
B'dak il-wiċċ sabiħ tiegħek, maħbub.

Kemm-il darba quddiemek Marija
Niġu għandek għax sew niħtiġuk
Ħafna drabi għidnielek minn qalbna
Inti l-Omm li tassew inħobbuk.

Hollu lsienkom ulied ta' Marija
Komplu faħħru l-Omm L-Imqabbin.
Dejjem kienet fortizza qawwija
Biha nirbħu l-battalji f'kull ħin.

Insellmulek maħbuba Sultana
Bi kliem mirqum, kollu foħrija
Għax hekk jixraq li joħroġ minn fommna
Viva Ommna Santa Marija.



PDF Created with deskPDF PDF Writer - Trial :: http://www.docudesk.com